

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Kwistjonijiet Tal-familja U Wirt](#) > [Proprjeta' Fiż-żwieġ U Fis-sħubijiet Ċivili](#) > [Il-Konsegwenzi Patrimonjali Ta' Sħubijiet Irreġistrati](#) > Malta

Il-Konsegwenzi Patrimonjali ta' Sħubijiet Irreġistrati

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)



1 Hemm forom differenti ta' "sħubijiet irreġistrati" f'dan l-Istat Membru? Spjega d-differenzi bejn il-forom differenti?

Il-forma ta' "sħubija irreġistrata" kontemplata f' Malta hija dik ta' "unjoni ċivili" skont l-Att dwar L-Unjonijiet Ċivili – Kap 530 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-reġistrazzjoni ta' sħubija bħala unjoni ċivili hi permessa bejn żewġ persuni tal-istess sess jew ta' sess differenti. Unjoni ċivili, ladarba tkun reġistrata, għandha l-effetti u l-konsegwenzi kollha li jikkorrispondu fil-liġi ta' żwieġ ċivili. Sħab f' unjoni ċivili ċelebrata qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att tal-2017 li jemenda l-Att dwar iż-Żwieġ u Liġijiet oħrajn jistgħu fi żmien ħames snin mill-1 ta' Settembru 2017 jikkonvertu l-unjoni ċivili tagħhom fi żwieġ. Meta unjoni ċivili tiġi kkonvertita fi żwieġ, l-unjoni ċivili tintemm mal-konverżjoni, u ż-żwieġ li jirriżulta jitqies li ilu jeżisti mid-data ta' meta l-unjoni ċivili tkun ġiet kostitwita.

2 Hemm reġim ta' proprjeta' statutorju għas-sħubijiet irreġistrati f'dan l-Istat Membru? X'jipprevedi? Għal liema forom ta' "sħubija rreġistrata" japplika?

Illi għaladarba unjoni ċivili u żwieġ ċivili għandhom l-istess effetti legali anke r-reġim ta' proprjeta' huwa l-istess. L-Istat Malti jofri lil partijiet li jkunu jridu jikkuntrattaw unjoni ċivili taħt il-leġislazzjoni Maltija, il-liberta' li jagħżlu huma dak ir-reġim li għandha tirregola l-proprjeta' tagħhom. Madanakollu, ir-reġim tal-proprjeta' matrimonjali ewlieni ġewwa Malta huwa dak tal-Komunjoni tal-Akkwisti.

Dan ir-reġim jopera b'operazzjoni tal-liġi f'kull unjoni, salv jekk il-partijiet li jkunu diġa' kkuntrattaw jew li għadhom ser jikkuntrattaw jagħżlu illi l-proprjeta' matrimonjali tagħhom għandha tiġi regolata b'reġim ieħor li ma jmurx kontra l-ispirtu tal-liġi Maltija. Tali reġim ieħor irid jiġi krejat permezz ta' kuntratt pubbliku.

Tipi ta' reġimi oħra li jirregolaw il-proprjeta' matrimonjali li jeżistu ġewwa Malta li japplikaw ukoll għal-unjonijiet ċivili huma s-Separazzjoni tal-Beni u l-Komunjoni ta' Residwu taħt Amministrazzjoni Separata.

Il-Komunjoni tal-Akkwisti bħala r-reġim tal-proprjeta' matrimonjali statutorju ġewwa Malta, jipprovdi illi dak kollu li jiġi akkwistat mill-partijiet wara s-sħubija, ikun jiffirma parti minn din il-Komunjoni tal-Akkwisti u għaldaqstant ikun jappartjeni liż-żewġ partijiet f'ishma ndaqs. Il-liġi Maltija tipprovdi speċifikament dak li għandu jiffirma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti, b'esklużjoni għal donazzjonijiet, wirt u proprjeta' parafernali ta' kull parti.

Is-Separazzjoni tal-Beni bħala reġim ieħor li l-partijiet jistgħu jagħżlu minnflok ir-reġim tal-Komunjoni tal-Akkwisti, jipprovdi illi kull parti għandha d-dritt illi jkollha l-kontroll assolut u tamministra dawk il-ħwejjeġ li hija tkun akwistat qabel u wara l-unjoni, u dan mingħajr il-kunsens tal-parti l-oħra.

Il-Komunjoni ta' Residwu taħt Amministrazzjoni Separata bħala reġim ieħor li l-partijiet jistgħu jagħżlu minnflok ir-reġim tal-Komunjoni tal-Akkwisti, jipprovdi illi kull parti fis-sħubija għandha d-dritt li takkwista, iżżomm u

tamministra dawk il-ħwejjeġ li hija tkun akkwistat f'isimha daqslikieku hija kienet is-sid esklussiv tal-istess ħwejjeġ. Madanakollu permezz ta' dan ir-reġim, il-partijiet ma humiex preklużi milli jiksbu beni flimkien, liema beni għandhom ikunu amministrati b'mod konġunt mill-partijiet.

3 Is-sħab, kif jistgħu jirregolaw ir-reġim tal-proprjeta' tagħhom? X'inhuma r-reqwiżiti formali f'dan il-każ?

Fir-rigward tar-reġim tal-Komunjoni tal-Akkwisti, ir-regola ġenerali hi li ż-żewġ partijiet għandhom l-obbligu li jirregolaw u jamministraw l-proprjeta' matrimonjali tagħhom flimkien. Madanakollu, l-liġi Maltija fir-rigward ta' dan ir-reġim partikolari tiddistingwi bejn amministrazzjoni ordinarja, ċjoe' dawk l-atti li jmissu lil waħda mill-partijiet fis-sħubija, u amministrazzjoni straordinarja, ċjoe' dawk l-atti li jmissu liż-żewġ partijiet flimkien. Il-liġi Maltija telenka biss dawk l-atti ta' amministrazzjoni straordinarja, b'hekk dak li ma huwiex espressament imniżżel fil-liġi, għandu jkun ikkunsidrat li jikkostitwixxi att ta' amministrazzjoni ordinarja. Għaldaqstant bħala reqwiżit formali li għandu dejjem jiġi onorat sabiex jiġi regolat ir-reġim tal-Komunjoni tal-Akkwisti huwa dak tal-kunsens taż-żewġ partijiet fis-sħubija. F'każ li l-kunsens tal-partijiet ma jkunx ingħata sabiex isir att rigward trasferiment jew ħolqien ta' jedd reali jew personali fuq proprjeta' immobbli jew mobbli, l-att jista' jiġi annullat fuq it-talba tal-parti li ma tkunx tagħat il-kunsens tagħha.

Fir-rigward tar-reġim ta' Separazzjoni ta' Beni, ir-regola ġenerali hi kull parti fis-sħubija għandha d-dritt li tirregola u tamministra l-proprjeta' li jkollha fuq isimha mingħajr ebda kunsens tal-parti l-oħra.

Fir-rigward tar-reġim tal-Komunjoni ta' Residwu taħt Amministrazzjoni Separata, ir-regola ġenerali hi li meta parti fis-sħubija tagħmel li tagħmel akkwist waħedha, dan isir mingħajr ma jinkiseb il-kunsens mill-parti l-oħra, u l-parti li tkun għamlet l-akkwist ikollha d-dritt li tirregola u tamministra l-imsemmi akkwist waħedha. Filwaqt li meta ż-żewġ partijiet fis-sħubija jagħmlu akkwist flimkien, il-kunsens tat-tnejn ikun ingħata u għaldaqstant għandhom id-dritt li jirregolaw u jamministraw l-imsemmi akkwist flimkien.

4 Hemm restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' kif jiġi rregolat reġim tal-proprjeta'?

Meta jkun qiegħed jiġi operat ir-reġim tal-Komunjoni tal-Akkwisti, il-partijiet fis-sħubija għandhom l-obbligu li jagħmlu kolloxx flimkien. Għaldaqstant ma għandhom l-ebda liberta' kif jirregolaw u jamministraw, għajr għal dawk l-atti ta' amministrazzjoni ordinarja li ma jirrikjedux il-kunsens taż-żewġ partijiet.

Min-naħa l-oħra meta jkun qiegħed jiġi operat ir-reġim tas-Separazzjoni tal-Beni, kull parti fis-sħubija għandha l-libertà li tagħmel dak kollu li jidrilha xieraq bil-proprjeta' li jkollha fuq isimha mingħajr ebda indħil mill-parti l-oħra.

Fir-rigward tar-reġim tal-Komunjoni tar-Residwu taħt Amministrazzjoni Separata, f'każ li parti fis-sħubija tagħmel akkwist mingħajr il-kunsens tal-parti l-oħra, din għandha l-libertà li tirregola r-reġim mingħajr ebda restrizzjonijiet. Madanakollu, jekk isir akkwist f'isem iż-żewġ partijiet, dawn tal-aħħar ma jkollhom l-ebda liberta' li jagħmlu li jridu iżda għandhom jaġixxu t-tnejn flimkien.

5 X'inhuma l-effetti legali tax-xoljiment jew l-annullament fuq il-konsegwenzi patrimonjali tas-sħubija rreġistrata?

Meta jkun qiegħed jiġi operat ir-reġim tal-Komunjoni tal-Akkwisti, il-liġi tistipula ċar illi dan ir-reġim jibda minn dakinhar taż-żwieġ u jispiċċa malli jmut wieħed mill-konjugi jew malli jinħall iż-żwieġ. Magħdud ma' dan, il-liġi tkompli billi tistipula ukoll f'każ li jkun hemm firda legali tal-miżżewġin, jista' jintalab il-qsim ġudizzjarju tal-beni tal-partijiet.

F'każ li jkun qiegħed jiġi operat ir-reġim tal-Komunjoni ta' Residwu taħt Amministrazzjoni Separata, il-liġi tistipula illi din tispiċċa, fost oħrajn, meta jkun hemm ix-xoljiment taż-żwieġ u mas-separazzjoni legali tal-miżżewġin.

Madanakollu, f'każ li fiż-żwieġ ikun hemm fis-seħħ ir-reġim tas-Separazzjoni tal-Beni, kull parti fiż-żwieġ li jtemmu ż-żwieġ tagħhom, jinfirdu jew jannullaw iż-żwieġ tagħhom, jibqgħu jirregolaw u jamministraw l-akkwisti li huma jkunu għamli huma f'isimhom.

Dan kollu japplika ukoll f'każ ta' sħubijiet irreġistrati.

Għaldaqstant l-effetti tad-divorzju separazzjoni jew annullament fir-rigward tal-proprjeta' matrimonjali, huwa li dak li jkun ġie akkwistat matul iż-żwieġ jinqasam bejn il-partijiet b'mod amikevoli jew inkella permezz ta' deċiżjoni tal-Qorti kompetenti.

6 X'inhuma l-effetti legali tal-mewt fuq il-konsegwenzi patrimonjali tas-sħubija rreġistrata?

Mal-mewt ta' wieħed mill-partijiet, tapplika l-liġi tas-suċċessjoni Maltija f'każ li Malta ikollha ġurisdizzjoni u l-fattur ewlieni li għandu jittieħed in-konsiderazzjoni huwa jekk il-parti li tkun mietet tkunx mietet testata jew intestata.

7 Liema awtorità għandha l-kompetenza li tiddeċiedi f'każ relatat mal-konsegwenzi patrimonjali tas-sħubija rreġistrata?

L-Awtorità kompetenti sabiex tiddeċiedi kwistjonijiet marbutin mar-reġim tal-proprjeta' matrimonjali hija l-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja).

8 X'inhuma l-effetti tal-konsegwenzi patrimonjali tas-sħubija rreġistrata fuq ir-relazzjonijiet legali bejn sieħeb u parti terza?

Mal-mument li reġim ta' proprjeta' matrimonjali jibda jopera mas-sħubija tal-partijiet, dan jagħti bidu għal relazzjoni legali bejn l-išhab u terzi persuni, meta dan ikun il-każ. Terzi persuni jkollhom id-dritt li jeżerċitaw il-jeddijiet legali tagħhom kontra l-išhab flimkien jew separatament, skont il-każ, ma' min ikunu għamlu kuntratt jew id-dejn.

9 Deskrizzjoni qasira tal-proċedura għad-diviżjoni, inklużi l-partizzjoni, id-distribuzzjoni u l-likwidazzjoni, tal-proprjeta' tas-sħubija rreġistrata f'dan l-Istat Membru.

Sabiex issir diviżjoni tal-proprjeta' matrimonjali, normalment tali proċedura ssir fl-istadju li l-partijiet jkunu bdew proċeduri ta' separazzjoni jew divorzju. Proċeduri ta' dawn it-tip jirrikjedu li qabel ma' l-partijiet ma jirrikorru quddiem il-Qorti kompetenti, huma għandhom jibdew il-proċess ta' medjazzjoni fejn il-medjatur jipprova jirranġa s-sitwazzjoni bejn l-išhab.

Illi f'każ li l-medjazzjoni tkun ta' suċċess, l-išhab ikunu jistgħu jisseparaw b'mod bonarju f'liema każ l-išhab jiftieħmu fuq id-drittijiet tagħhom reċiproċi, fuq id-drittijiet tagħhom fuq uliedhom u dwar id-diviżjoni tal-proprjeta' matrimonjali, issir att pubbliku li jiġi skrutinizzat mill-Qorti kompetenti sabiex ikun aċċertat li nżamm bilanċ bejn id-drittijiet tal-išhab. Dan il-kuntratt wara li jiġi approvat mill-Qorti kompetenti jiġi insinwat u rreġistrat sabiex ikun effettiv għall-finijiet kollha tal-liġi, inkluż fir-rigward ta' terzi persuni.

Illi jekk il-proċedura ta' medjazzjoni ma tkunx ta' suċċess u l-partijiet ma jaslux għall-arranġament bonarju, huma għandhom jibdew proċeduri appożiti quddiem il-Qorti kompetenti, fejn ssir talba fir-rigward tax-xoljiment tar-reġim tal-proprjeta' matrimonjali sabiex b'hekk il-proprjeta' matrimonjali tkun tista' tiġi diviża bejn iż-żewġ partijiet. Wara li d-deċiżjoni tal-Qorti kompetenti tgħaddi in ġudikat, l-istess sentenza tiġi rreġistrata sabiex tkun effettiva għall-finijiet kollha tal-liġi, inkluż fir-rigward ta' terzi persuni.

10 X'inhuma l-proċedura u d-dokumenti jew l-informazzjoni tipikament meħtieġa għall-finijiet tar-reġistrazzjoni tal-proprjeta' immobbli?

Sabiex proprjeta' immobbli tiġi rreġistrata ġewwa Malta, in-Nutar Pubbliku li jkun għamel il-kuntratt tal-proprjeta' immobbli, jippreżenta nota ta' insinwa lir-Reġistru Pubbliku sabiex din tiġi insinwata. Mal-mument li jkun hemm in-nota tal-insinwa, il-proprjeta' immobbli tkun ġiet irreġistrata u l-kuntratt ikollu saħħa fir-rigward tal-partijiet tal-kuntratt u kif ukoll fuq terzi persuni.

■ L-aħħar aġġornament: 15/11/2019

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.